Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 340

Volum 60

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

20 ta' Diċembru 2017

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

★ **Direttiva (UE) 2017/2380 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2010/40/UE fir-rigward tal-perijodu għall-adozzjoni ta' atti delegati** (1) 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2381 tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud** 4

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382 tal-14 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għat-trażmissjoni tal-informazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (1) 6

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2383 tad-19 ta' Diċembru 2017 li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja** 32

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2384 tad-19 ta' Diċembru 2017 li jispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tal-modulu ad hoc tal-2019 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol fir-rigward tal-istħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98** ([1]) 35

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2385 tad-19 ta' Diċembru 2017 li jiffissa l-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 u li jistipula l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 533/2007 fis-settur tal-laħam tat-tjur 41

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2386 tad-19 ta' Diċembru 2017 li jiffissal-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 u li jistabbilixxi l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 fis-settur tal-laħam tat-tjur 43

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2387 tad-19 ta' Diċembru 2017 li jiffissa l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 fil-qafas tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 536/2007 għal-laħam tat-tjur li ġej mill-Istati Uniti tal-Amerka 45

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2388 tad-19 ta' Diċembru 2017 li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Iżrael 47

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2389 tal-5 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi li ma ttieħdet l-ebda azzjoni effikaċi mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-16 ta' Ġunju 2017** 49

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2390 tal-15 ta' Diċembru 2017 dwar in-nuqqas ta' konformità tar-rati unitarji fiż-żona tal-imposti tal-Iżvizzera għall-2017 skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013** *(notifikata bid-dokument C(2017) 8498)* 51

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

I

(Atti leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DIRETTIVA (UE) 2017/2380 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Diċembru 2017

li temenda d-Direttiva 2010/40/UE fir-rigward tal-perijodu għall-adozzjoni ta' atti delegati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tipprevedi l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet għal azzjonijiet ta' prijorità fi ħdan oqsma ta' prijorità.

(2) Minn mindu daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2010/40/UE, erba' atti delegati relatati ma' azzjonijiet ta' prijorità ta' dik id-Direttiva ġew adottati mill-Kummissjoni. Dawn jindirizzaw b'mod partikulari l-eCall u l-mekkaniżmi tal-qsim tad-data li jiffaċilitaw l-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-partijiet ikkonċernati u l-fornituri rilevanti tas-servizzi tas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (STI). Hemm ħtieġa għal aktar atti delegati dwar azzjonijiet li għad iridu jiġu indirizzati u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE.

(3) Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2010/40/UE, is-setgħa konferita lill-Kummissjoni biex tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tiskadi fis-27 ta' Awwissu 2017.

(4) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tad-Direttiva 2010/40/UE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa biex jiġu żgurati l-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-kontinwità għall-varar u l-użu operattiv tal-STI għall-azzjonijiet ta' prijorità għal perijodu addizzjonali ta' ħames snin li jibda mis-27 ta' Awwissu 2017. Jenħtieġ li dan il-perijodu jiġi estiż b'mod taċitu għal perijodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux għal tali estensjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa

([1]) ĠU C 345, 13.10.2017, p. 67.
([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2017(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2017.
([3]) Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċevu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2010/40/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' tti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mis-27 ta' Awwissu 2017. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 7 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(2) l-Artikoli 13 u 14 huma mħassra;

(3) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. F'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2), il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma, sas-27 ta' Frar 2011. Il-programm ta' ħidma għandu jinkludi objettivi u dati għall-implimentazzjoni tiegħu kull sena u jekk ikun meħtieġ għandu jipproponi l-adattamenti meħtieġa.

Il-Kummissjoni għandha taġġorna il-programm ta' ħidma relatat mal-azzjonijiet taħt l-Artikolu 6(3) sal-10 ta' Jannar 2019 u qabel kull estensjoni sussegwenti ta' ħames snin tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati skont l-Artikolu 12(2).".

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, it-12 ta' Diċembru 2017.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
A. TAJANI	M. MAASIKAS

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2381

tal-5 ta' Diċembru 2017

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal ftehim man-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

(2) It-test tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ("il-Ftehim"), li jirriżulta min-negozjati, jirrifletti kif xieraq id-direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

(3) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim. ([2])

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuna jew lill-persuni li għandhom is-setgħa jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([2]) It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2382

tal-14 ta' Diċembru 2017

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għat-trażmissjoni tal-informazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 34(9) u 35(12) tagħha,

Billi:

(1) Ikun xieraq li jiġu stabbiliti formoli, proċeduri u mudelli standard komuni għas-sottomissjoni tal-informazzjoni mitluba minn ditti ta' investiment, operaturi tas-suq u jekk previst mid-Direttiva 2014/65/UE, istituzzjonijiet ta' kreditu li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' investiment u li jwettqu attivitajiet fi Stat Membru ieħor taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew taħt id-dritt ta' stabbiliment.

(2) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament, fid-dawl tal-Artikoli 34(1) u 35(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, japplikaw ukoll għal istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati taħt id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li jużaw aġenti marbuta biex jipprovdu servizzi ta' investiment bil-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew bit-twaqqif ta' fergħa.

(3) Huwa importanti li jiġu stabbiliti formoli standard li jkopru l-lingwa u l-mezz ta' komunikazzjoni ta' notifiki ta'passaport li jistgħu jintużaw minn ditti tal-investiment, operaturi tas-suq, u meta meħtieġ, istituzzjonijiet ta' kreditu, u mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u ospitanti sabiex jiġi ffaċilitat il-provvediment ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment fl-Istati Membri kollha u l-prestazzjoni effiċjenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

(4) Hija meħtieġa valutazzjoni tal-preċiżjoni u tal-kompletezza tan-notifika mressqa mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membru tad-domiċilju sabiex tiġi żgurata l-kwalità ta' (i) l-informazzjoni sottomessa mid-ditta tal-investiment, l-operatur tas-suq, jew, meta meħtieġ, l-istituzzjonijiet ta' kreditu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u (ii) l-informazzjoni sottomessa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

(5) Huma meħtieġa dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tindika meta n-notifika tinstab li tkun inkompluta jew żbaljata biex tkun żgurata ċ-ċarezza fl-identifikazzjoni u l-komunikazzjoni ta' kwalunkwe element nieqes jew żbaljat u biex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-indirizzar ta' kwistjonijiet bħal dawn u tas-sottomissjoni mill-ġdid tal-informazzjoni kompluta u korretta.

(6) Ir-rikonoxximent tal-wasla ta' notifika ta' passaport ta' fergħa sottomessa jew notifika ta' passaport ta' aġent marbut hija meħtieġa biex tiżgura ċarezza rigward id-data tal-wasla tan-notifika rilevanti u d-data eżatta li fiha ditta tal-investiment tista' tistabbilixxi l-fergħa jew tagħmel użu minn aġent marbut stabbilit fl-Istat Membru ospitanti.

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.
([2]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li thassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(7) Biex tiġi żgurata l-koerenza, jenħtieġ li jintużaw forom speċifiċi meta ditta tal-investiment jew operatur tas-suq, li joperaw faċilità multilaterali tan-negozjar jew li jorganizzaw faċilità tan-negozjar, ikunu jixtiequ jipprovdu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor arranġamenti xierqa biex jiffaċilitaw l-aċċess għal dawk is-sistemi u negozjar fuqhom, minn utenti remoti, membri jew parteċipanti stabbiliti f'dak l-Istat Membru, sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza kemm tal-informazzjoni sottomessa mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, kif ukoll tal-informazzjoni sottomessa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

(8) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2014/65/UE japplikaw mill-istess data.

(9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.

(10) Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal ditti tal-investiment u operaturi tas-suq li joperaw faċilità multilaterali tan-negozjar (MTF) jew faċilità organizzata tan-negozjar ("OTF").

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE li jipprovdu servizz ta' investiment wieħed jew aktar jew iwettqu attivitajiet ta' investiment skont id-Direttiva 2014/65/UE, u jixtiequ jużaw aġenti li jorbtu skont kwalunkwe wieħed mid-drittijiet li ġejjin:

(a) id-dritt tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u attivitajiet ta' investiment skont l-Artikolu 34(5) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(b) id-dritt tal-istabbiliment skont l-Artikolu 35(7) tad-Direttiva 2014/65/UE.

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

1. Kwalunkwe notifika jew komunikazzjoni sottomessa taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tkun aċċettata kemm mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, kif ukoll mill-Istat Membru tad-domiċilju.

Għandha tiġi sottomessa f'forma stampata jew, meta tkun aċċettata mill-awtorità kompetenti rilevanti, permezz ta' mezz elettroniku.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jqiegħdu l-informazzjoni gaħd-dispożizzjoni tal-pubbliku bil-lingwa/(i) u l-mezz ta' sottomissjoni aċċettati, inklużi d-dettalji tal-kuntatt għal notifiki tal-passaport.

Artikolu 3

Sottomissjoni tan-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment

1. Id-ditta tal-investiment għandha tissottometti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment skont l-Artikolu 34(2) jew (5) tad-Direttiva 2014/65/UE il-formola stipulata fl-Anness I.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

2. Id-ditta tal-investiment għandha tissottometti, għal kull Stat Membru li fih biħsiebha topera, notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment separata lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membru tad-domiċilju skont il-paragrafu 1.

3. Id-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li tixtieq tipprovdi servizzi jew attivitajiet ta' investiment permezz ta' aġent marbut stabbilit fl-Istat Membru tad-domiċilju għandha tissottometti notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, billi timla biss dawk il-partijiet rilevanti mal-aġent marbut fil-formola stipulata fl-Anness I.

Artikolu 4

Valutazzjoni tal-kompletezza u l-preċiżjoni tan-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment

1. Mal-wasla tan-notifika ta' passaport tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment skont l-Artikolu 3, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tivvaluta l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta.

2. Meta jinstab li l-informazzjoni pprovduta tkun inkompluta jew żbaljata, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha, minħajr dewmien żejjed, tinforma lid-ditta tal-investiment jew lill-istitutuzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tindika f'liema rigward partikolari l-informazzjoni nstabet li kienet inkompluta jew żbaljata.

3. Il-perjodu ta' xahar imsemmi fl-Artikolu 34(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(5) tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jibda mill-wasla ta' notifika ta' passaport tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment li jkunu fiha informazzjoni li tinstab li hija kompluta u korretta.

Artikolu 5

Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, fi żmien xahar mill-wasla tan-notifika skont l-Artikolu 3, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar dik in-notifika, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness II, flimkien ma' kopja tan-notifika.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investiment jew lill-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) dwar il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 1, inkluż dwar id-data ta' dik il-komunikazzjoni.

Artikolu 6

Sottomissjoni tan-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment

1. Fil-każ ta' bidla fi kwalunkwe partikularità f'notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment, id-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) għandha tissottometti notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju bl-użu tal-formola deskritta fl-Anness I.

2. Għall-finijiet tan-notifika skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, id-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) għandha timla biss dawk il-partijiet tal-formola stipulati fl-Anness I li huma rilevanti għall-bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika tal-passaport tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment.

3. Għall-finijiet tan-notifika ta' bidliet relatati mas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji pprovduti, id-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) għandha telenka s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji kollha li tipprovdi fiż-żmien tan-notifika, jew li biħsiebha tipprovdi fil-futur.

Artikolu 7

Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment

1. Wara li tirċievi notifika skont l-Artikolu 6, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness III, flimkien ma' kopja tan-notifika skont l-Artikolu 6.

2. Fil-każ li l-awtorizzazzjoni tad-ditta tal-investiment jew l-istitutuzzjoni ta' kreditu tiġi rtirata jew ikkanċellata, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinnotifka lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness III.

Artikolu 8

Sottomissjoni tan-notifika għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF

Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF li biħsiebu jipprovdi arranġamenti xierqa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal dawk is-sistemi u negozjar fuqhom fit-territorju ta' Stat Membru ospitanti ieħor, minn utenti remoti, membri jew parteċipanti stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju l-partikularitajiet tal-Istat Membru ospitanti li fih biħsiebu jipprovdi arranġamenti bħal dawn, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness IV.

Artikolu 9

Komunikazzjoni rigward notifika għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF.

1. L-awtorità komptenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti b'dik in-notifika fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika skont l-Artikolu 8, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness V, flimkien ma' kopja tan-notifika.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investiment jew lill-operatur tas-suq li joperaw MTF jew OTF dwar il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 1, inkluż dwar id-data ta' dik il-komunikazzjoni.

Artikolu 10

Sottomissjoni ta' notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF

1. Fil-każ ta' bidla f'waħda mill-partikularitajiet ta' notifika għall-provvediment tal-arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF għandu jissottometti notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness IV.

2. Għall-finijiet tan-notifika skont il-paragrafu 1, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF għandu jimla biss dawk il-partijiet tal-formola stipulati fl-Anness IV rilevanti għall-bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF.

Artikolu 11

Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-provvediment tal-arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF

Wara li tirċievi notifika skont l-Artikolu 10(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness II, flimkien ma' kopja tan-notifika.

Artikolu 12

Sottomissjoni tan-notifika ta' passaport ta' fergħa

Id-ditta tal-investiment li tixtieq tistabbilixxi fergħa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandha tippeżenta lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tad-domiċilju l-informazzjoni kif meħtieġa mill-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 2014/65/UE bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI.

Artikolu 13

Sottomissjoni tan-notifika ta' passaport ta' aġent marbut

1. Id-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li tixtieq tuża aġent marbut stabbilit fi Stat Membru ieħor għandha tissottometti l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju kif meħtieġ mill-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 2014/65/UE, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness VII.

2. Meta ditta tal-investiment jew istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) tkun tixtieq tuża aktar minn aġent marbut wieħed fi Stat Membru ieħor, hija għandha timla notifika separata fir-rigward ta' kull aġent marbut li bi ħsiebha tuża.

3. Ditta tal-investiment li tixtieq tistabbilixxi fergħa li biħsiebha tuża l-aġenti marbuta għandha tippreżenta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju notifika ta' passaport ta' aġent marbut fir-rigward ta' kull aġent marbut billi timla l-formola stipulata fl-Anness VII.

Artikolu 14

Valutazzjoni tal-kompletezza u tal-preċizjoni tan-notifika ta' passaport ta' fergħa jew tan-notifika ta' passaport ta' aġent marbut

1. Mal-wasla tan-notifika skont l-Artikolu 12 jew 13, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tivvaluta l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta.

2. Meta l-informazzjoni pprovduta tinstab li hi inkompluta jew żbaljata, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investiment jew l-istittuzzjonijiet ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tindika f'liema rigward partikolari l-informazzjoni nstabet inkompluta u żbaljata.

3. Il-perjodu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 35(3) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(7) tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jibda mal-wasla tan-notifika tal-passaport tal-fergħa jew tan-notifika tal-passaport tal-aġent marbut li jkun fihom informazzjoni li tinstab kompluta u korretta.

Artikolu 15

Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' passaport ta' fergħa

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha, fi żmien tlett xhur minn meta tirċievi n-notifika ta' passaport ta' fergħa skont l-Artikolu 12, tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar dik in-notifika, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness VIII, flimkien ma' kopja tan-notifika.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investiment dwar il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 1, inkluż dwar id-data ta' dik il-komunikazzjoni.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, kif ukoll lid-ditta tal-investiment li tkun irċeviet in-notifika.

Artikolu 16

Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' passaport ta' aġent marbut

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika ta' passaport ta' aġent marbut skont l-Artikolu 13, tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar dik in-notifika, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness IX, flimkien ma' kopja tan-notifika.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu dwar il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 1, inkluż dwar id-data ta' dik il-komunikazzjoni.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u lid-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2) (b) li tkun irċeviet in-notifika.

4. L-aġent marbut ma għandux jibda s-servizzi jew l-attivitajiet ta' investiment proposti tiegħu qabel ma jkun irreġistrat fir-reġistru pubbliku fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit dan l-aġent marbut, f'konformità mal-Artikolu 29(3) tad-Direttiva 2014/65/UE.

5. L-aġent marbut ma għandux jibda s-servizzi jew l-attivitajiet ta' investiment proposti tiegħu qabel ikun irċieva l-komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

6. Meta ma ssirx komunikazzjoni bħal din, l-aġent marbut jista' jibda s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment proposti tiegħu xahrejn wara d-data tas-sottomissjoni tal-komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Artikolu 17

Sottomissjoni tan-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-fergħa

1. Fil-każ ta' bidla fil-partikularitajiet tan-notifika ta' passaport ta' fergħa, id-ditta tal-investiment għandha tissottometti notifika bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

Id-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu għandha timla biss dawk il-partijiet tal-formola stipulati fl-Anness VI li jkunu rilevanti għall-bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika tal-passaport tal-fergħa.

2. Meta d-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu tkun biħsiebha tagħmel bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji pprovduti permezz ta' aġenti marbuta, hija għandha tinnotifika, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI, lista tas-servizzi u attivitajiet ta' investiment, servizzi anċillari jew strumenti finanzjarji li tipprovdi permezz ta' aġenti marbuta fiż-żmien ta' dik in-notifika jew li biħsiebha tipprovdi fil-futur permezz ta' aġenti marbuta.

3. Bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika ta' passaport ta' fergħa li jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-operazzjoni tal-fergħa għandhom jiġu notifikati bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness X.

Artikolu 18

Preżentazzjoni tan-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-aġent marbut

1. Fil-każ ta' bidla f'xi waħda mill-partikularitajiet tan-notifika tal-passaport tal-aġent marbut, id-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tissottometti notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness VII.

Id-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu għandha timla dawk il-partijiet tal-formola stipulati fl-Anness VII rilevanti għall-bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika tal-passaport tal-aġent marbut.

2. Meta d-ditta tal-investiment tkun biħsiebha tagħmel bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, jew fl-istrumenti finanzjarji soġġetti għal notifika tal-passaport tal-aġent marbut, hija għandha tinnotifika, fil-formola stipulata fl-Anness VI, lista tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, l-istrument finanzjarji kollha li tipprovdi permezz ta' aġent marbut fiż-żmien tan-notifika jew li bi ħsiebha tipprovdi fil-futur.

3. Bidliet fil-partikularitajiet ta' notifika tal-passaport tal-aġent marbut li jikkonċernaw il-waqfien tal-użu ta' aġent marbut stabbilit fi Stat Membru ieħor għandhom jiġu notifikati bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness X.

Artikolu 19

Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-fergħa

1. Wara l-wasla tan-notifika skont l-Artikolu 17(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness XI, flimkien ma' kopja tan-notifika.

2. Wara li tirċievi n-notifika skont l-Artikolu 17(3), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-Istat Membru ospitanti,bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XIII, flimkien ma' kopja tan-notifika.

Artikolu 20

Komunikazzjoni rigward notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' aġent marbut

1. Wara li tirċievi notifika skont l-Artikolu 18(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XII, flimkien ma' kopja tan-notifika.

2. Wara li tirċievi notifika skont l-Artikolu 18(3), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XIII, flimkien ma' kopja tan-notifika.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mit-3 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Formola għan-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment u għan-notifika ta' bidla tal-partikularitajiet dwar servizzi u attivitajiet ta' investiment (1)

[L-Artikolu 3 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Parti 1 – Informazzjoni ta' Kuntatt

Tip ta' notifika:	Notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment/notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment
Stat Membru li fih id-ditta tal-investiment/l-istituzzjoni ta' kreditu biħsiebha topera:	
Isem tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu	
Isem kummerċjali	
Indirizz:	
Numru tat-telefown:	
Email:	
Isem tal-persuna ta' kuntatt fid-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu:	
Stat Membru tad-Domiċilju	
Stat ta' Awtorizzazzjoni:	Awtorizzat minn [Stat Membru tad-Domiċilju Awtorità Kompetenti]
Data tal-Awtorizzazzjoni:	

Parti 2 — Programm ta' operazzjonijiet

Servizzi u attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari previsti*

		Servizzi u attivitajiet ta' investiment									Servizzi anċillari						
		A1	A2	A3	A4	A5	A5	A7	A8	A9	B1	B2	B3	B4	B5	B6	B7
Strumenti Finanzjarji	C1	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C2	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C3	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C4	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C5	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C6	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C7	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C8	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C9	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C10	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C11	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐

(*) Jekk jogħġbok immarka (x) fil-kaxex xierqa.

(1) Għall-finijiet ta' notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment, jekk jogħġbok imla biss il-partijiet tal-formola li huma rilevanti għall-bidliet notifikati. Jekk l-intenzjoni hija li tagħmel bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji, niżżel is-servizzi ta' investiment, l-attivitajiet, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji kollha li se tipprovdi d-ditta.

Dettalji tal-Aġent Marbut li jinsab fl-Istat Membru tad-domiċilju (*)

Isem tal-aġent marbut	Indirizz	Telefown	Email:	Kuntatt

(*) Jekk jogħġbok ipprovdi matriċi separata bis-servizzi ta' investiment previsti għal kull aġent marbut li biħsiebha tuża d-ditta tal-investiment.

Servizzi ta' investiment intiżi previsti li jiġu pprovduti mill-aġent marbut (*)**:**

		Servizzi u attivitajiet ta' investiment									Servizzi anċillari						
		A1	A2	A3	A4	A5	A6	A7	A8	A9	B1	B2	B3	B4	B5	B6	B7
Strumenti Finanzjarji	C1	☐				☐		☐									
	C2	☐				☐		☐									
	C3	☐				☐		☐									
	C4	☐				☐		☐									
	C5	☐				☐		☐									
	C6	☐				☐		☐									
	C7	☐				☐		☐									
	C8	☐				☐		☐									
	C9	☐				☐		☐									
	C10	☐				☐		☐									
	C11	☐				☐		☐									

(*) Jekk jogħġbok immarka (x) fil-kaxxa/(ex) xierqa. Jekk biħsiebek tagħmel bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment jew fl-istrumenti finanzjarji pprovduti mill-aġent marbut, jekk jogħġbok elenka s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, is-servizzi aċċessorji jew l-istrumenti finanzjarji li se jiġu pprovduti mill-aġent marbut.

ANNESS II

Formola għall-komunikazzjoni tan-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

[L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/65/UE ([1])

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

F'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, nixtiequ ninfurmawk li [**Isem tad-ditta**], (1) ditta tal-investiment awtorizzata minn [isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju], biħsiebha tipprovdi servizzi tal-investiment u/jew attivitajiet tal-investiment kif ukoll servizzi anċillari elenkati fin-notifika tal-passaport mehmuża għall-ewwel darba fl-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà biex tipprovdi servizzi jew attivitajiet ta' investiment; jew (2) istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata minn [l-isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju] biħsiebha tipprovdi, permezz tal-użu ta' aġent marbut, is-servizzi jew attivitajiet ta' investiment elenkati fin-notifika ta' passaport mehmuża għall-ewwel darba, fl-eżerċizzju tad-dritt ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi u attivitajiet ta' investiment.

Jekk għandek xi mistoqsija, toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

Dejjem tiegħek,

[Firma]

([1]) Jekk jogħġbok emenda kif xieraq.

ANNESS III

Formola għall-komunikazzjoni ta' bidla ta' notifika fil-partikularitajiet ta' notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

[L-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 34(4) jew l-Artikolu 34(7) tad-Direttiva 2014/65/UE ([1])

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

F'konformità mal-Artikolu 34(4) tad-Direttiva 2014/65/UE, nixtiequ ninfumawk li [**l-isem tad-ditta**], ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu/operatur tas-suq awtorizzat/sorveljat minn [l-isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju]:

(a) emendat is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment/servizzi anċillari/strumenti finanzjarji li biħsiebha tkompli fit-territorju tiegħek fuq bażi transfruntiera

(b) biddlet isimha minn [isem qadim] għal [isem ġdid] b' effett minn [id-data tal-bidla]

(c) ċaqalqet l-indirizz li ġej b'effett [data tal-bidla]

(d) biddlet l-informazzjoni ta' kuntatt l-oħra tiegħu kif ġej [żid kull bidla li saret fl-informazzjoni ta' kuntatt tal-Parti 1 tal-Anness I] b'effett [id-data tal-bidla]

(e) impenjat aġent marbut irreġistrat addizzjonali fi [l-isem tal-Istat Membru tad-domiċilju] biex jipprovdi servizzi u attivitajiet tal-investiment fit-territorju tiegħek fuq bażi transfruntiera.

(f) emendat l-arranġamenti pprovduti fi [l-isem tal-Istat Membru ospitanti] sabiex tiffaċilita l-aċċess għal [l-isem tal-MTF jew l-OTF] u n-negozjar tiegħu

(g) waqfet milli tipprovdi servizzi ta' investiment u/jew twettaq attivitajiet ta' investiment minħabba irtirar/kanċellazzjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha b'effett minn [id-data tal-irtirar/kanċellazzjoni].

Sib mehmuża kopja tal-bidla ta' [notifika tad-dettalji dwar is-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment/id-dettalji dwar il-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat aċċess għal notifika ta' MTF jew OTF] bil-bidliet rilevanti. Jekk għandek xi mistoqsijiet, toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

Dejjem tiegħek,

[Firma]

([1]) Jekk jogħġbok biddel fuq il-bażi tal-bidliet li jridu jiġu notifikati.

ANNESS IV

Formola għan-notifika tal-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF

[L-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Parti 1 — Informazzjoni ta' Kuntatt:

Tip ta' notifika:	Il-provvediment ta' arranġamenti biex jiffaċilitaw l-aċċess għal MTF/OTF/bidliet f'dettalji tan-notifika għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF/OTF
L-Istat(i) Membru/(i) li fihom id-ditta tal-investiment/l-operatur tas-suq biħsiebu jipprovdi arranġamenti:	
Isem tad-ditta tal-investiment/operatur tas-suq:	
Indirizz:	
Numru tat-telefown:	
Email:	
Isem tal-persuna ta' kuntatt fid-ditta tal-investiment/l-operatur tas-suq:	
Stat Membru tad-domiċilju	
Stat tal-Awtorizzazzjoni (tad-ditta tal-investiment)/Dritt applikabbli (tal-operatur tas-suq):	Awtorizzata/Liċenzjata/Sorveljata minn [l-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru tad-Domiċilju]
Data tal-Awtorizzazzjoni (għad-ditti tal-investiment):	
Isem l-MTF/OTF:	
Data minn meta se jiġu pprovduti l-arranġamenti:	B'effett immedjat

Parti 2 – Deskrizzjoni tal-mudell kummerċjali ta' [l-isem tal-MTF/OTF]:

[Jekk jogħġbok minn tal-inqas inkludi l-informazzjoni li ġejja]

Tip ta' strumenti finanzjarji elenkati fil-Borża:

[trid timtela mid-ditta tal-investiment/operatur tas-suq]

Tip ta' parteċipanti elenkati fil-Borża:

[trid timtela mid-ditta tal-investiment/operatur tas-suq]

Tip ta' arranġamenti xierqa:

[trid timtela minn ditta tal-investiment/operatur tas-suq]

Kummerċjalizzazzjoni:

[trid timtela minn ditta tal-investiment/operatur tas-suq]

ANNESS V

Formola għall-komunikazzjoni rigward notifika għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

[L-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 34(7) tad-Direttiva 2014/65/UE ([1])

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

F'konformità mal-Artikolu 34(7) tad-Direttiva 2014/65/UE, nixtiequ ninfurmawk li [l-isem tal-Operatur tas-suq/Ditta tal-Investiment] li jopera [l-isem tal-MTF jew l-OTF] taħt [l-isem tad-dritt nazzjonali applikabbli] fl-[isem tal-Istat Membru tad-domiċilju], biħsiebu jipprovdi arranaġmenti fi [l-isem tal-Istat Membru li fih jipprovdi l-arranġamenti] sabiex jiffaċilita l-aċċess għal u n-negozjar fuq [l-isem tal-MTF/OTF] minn utenti remoti, membru jew parteċipanti stabbiliti fi [l-istem tal-Istat Membru li fih bi ħsiebu jipprovdi l-arranġamenti],

Jekk għandek xi mistoqsijiet, toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

Dejjem tiegħek,

[Firma]

([1]) Jekk jogħġbok emenda kif meħtieġ.

ANNESS VI

Formola għan-notifika ta' passaport ta' fergħa u għan-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' fergħa ([1])

L-Artikoli 12, 17 u 19 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Parti 1 — Informazzjoni ta' Kuntatt

Tip ta' notifika:	Notifika ta' passaport ta' fergħa/bidla fin-notifika tad-dettalji tal-fergħa
L-Istat Membru li fih id-ditta tal-investiment biħsiebha tistabbilixxi fergħa ([2]):	
Isem id-ditta tal-investiment:	
Indirizz tad-ditta tal-investiment:	
Numru tat-telefown tad-ditta tal-investiment:	
Email tad-ditta tal-investiment:	
Isem tal-persuna ta' kuntatt tad-ditta tal-investiment:	
Isem il-fergħa:	
L-indirizz tal-fergħa:	
Numru tat-telefown tal-fergħa:	
Email tal-fergħa:	
Isem/(ismijiet) ta' dawk responsabbli għall-immaniġġjar tal-fergħa:	
Stat Membru tad-domiċilju:	
Status tal-Awtorizzazzjoni:	Awtorizzat minn [l-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju]
Data tal-awtorizzazzjoni:	

([1]) Għall-finijiet tal-bidliet fin-notifika tal-partikularitajiet tal-fergħa jekk jogħġbok imla biss il-partijiet tal-formoli li huma rilevanti għall-bidliet notifikati. Meta d-ditta tal-investiment tkun biħsiebha tagħmel bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment, fis-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji pprovduti mill-fergħa, id-ditta għandha telenka s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji kollha li se tipprovdi l-fergħa.

([2]) Jekk jogħġbok innota li d-dritt korporattiv nazzjonali jista' jirrikjedi r-reġistrazzjoni preċedenti f'reġistru kummerċjali qabel il-bidu tal-operazzjonijiet mill-fergħa.

Parti 2 – Programm ta' operazzjonijiet

Servizzi u attivitajiet ta' investiment, servizzi anċillari previsti li jiġu pprovduti mill-fergħa (*)

		Servizzi u attivitajiet ta' investiment									Servizzi anċillari						
		A1	A2	A3	A4	A5	A6	A7	A8	A9	B1	B2	B3	B4	B5	B6	B7
Strumenti finanzjarji	C1	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C2	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C3	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C4	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C5	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C6	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C7	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C8	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C9	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C10	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐
	C11	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐	☐

(*) Jekk jogħġbok immarka (x) fil-kaxxa/(ex) xierqa.

Pjan ta' Direzzjoni tan-Negozju u organizzazzjoni strutturali tal-fergħa

Pjan ta' direzzjoni tan-negozju

1. Il-fergħa kif se tikkontribwixxi għall-istrateġija tad-ditta/grupp?
2. X'se jkunu l-funzjonijiet ewlenin tal-fergħa?
3. Iddeskrivi l-objettivi ewlenin tal-fergħa;

Strateġija kummerċjali

1. Iddeskrivi t-tip ta' klijenti/kontropartijiet li se tkun qed tindirizza l-fergħa;
2. Iddeskrivi kif id-ditta se tikseb u tindirizza dawn il-klijenti;

Struttura organizzazzjonali

1. Iddeskrivi fil-qasir kif il-fergħa tiffittja fl-istruttura korporattiva tad-ditta/grupp? (Dan jista' jiġi ffaċilitat billi tehmeż ċart organizzazzjonali)
2. Indika l-istruttura organizzazzjonali tal-fergħa, li turi l-linji funzjonali, ġeografiċi u ġuridiċi tar-rapportar;
3. Identifika min se jkun responsabbli mill-operazzjonijiet tal-fergħa fuq bażi ta' kuljum? Ipprovdi dettalji dwar l-esperjenza professjonali tal-persuni responabbli mill-ġestjoni tal-fergħa (Jekk jogħġbok ehmeż is-CV);
4. Identifika min se jkun responsabbli mill-funzjonijiet tal-kontroll intern tal-fergħa?
5. Identifika min se jkun responsabbli biex jindirizza l-ilmenti fir-rigward tal-fergħa?
6. Spjega kif il-fergħa se tirrapporta lill-uffiċċju prinċipali?
7. Agħti dettalji ta' xi arranġamenti kritiċi tal-esternalizzazzjoni

Aġenti Marbuta (*) 1. Il-fergħa se tuża aġent marbut? 2. X'inhi l-identità tal-aġent marbut? Isem Indirizz Telefown Email Punt ta' kuntatt Referenza jew hyperlink għar-reġistru pubbliku fejn hu rreġistrat l-aġent marbut
Sistemi u Kontrolli Ipprovdi sommarju qasir tal-arranġamenti għal: 1. is-salvagwardjar tal-flus u l-assi tal-klijent; 4. Il-konformità mal-imġiba tan-negozju u obbligi oħrajn li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru ospitanti skont l-Artikolu 35(8) u ż-żamma tar-rekords taħt l-Artikolu 16(6); 5. il-kodiċi tal-Imġiba tal-persunal, inkluż in-negozjar għan-nom proprju; 6. il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; 7. Il-monitoraġġ u l-kontroll ta' arranġamenti kritiċi tal-esternalizzazzjoni (jekk applikabbli); 8. l-isem, l-indirizz u d-dettalji tal-kuntatt tal-iskema tal-kumpens akkreditata li hija membru tagħha d-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu;
It-tbassir finanzjarju Ehmeż dikjarazzjoni ta' previżjoni għall-profitt u t-telf u l-fluss tal-flus kontanti, it-tnejn matul il-perjodu inizjali ta' sitta u tletin xahar;
(*) Id-ditta tal-investiment għandha tippreżenta notifika ta' passaport separata fir-rigward ta' kull aġent marbut li l-fergħa biħsiebha tuża.

ANNESS VII

Formola għan-notifika ta' passaport ta' aġent marbut u għan-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' aġent marbut (1)

[L-Artikoli 13, 14 u 18 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Parti 1 – Informazzjoni ta' Kuntatt

Tip ta' notifika:	Notifika ta' passaport ta' aġent marbut/notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' aġent marbut
L-Istat Membru li fih id-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu biħsiebha tuża l-aġent marbut stabbilit fl-Istat(i) Membru/(i) ospitanti:	
Isem tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu:	
Indirizz tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu:	
Isem tal-persuna ta' kuntatt fid-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu:	
Numru tat-telefown tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu	
Email tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu	
Isem tal-aġent marbut:	
Indirizz tal-aġent marbut:	
Numru tat-telefown tal-aġent marbut:	
Email tal-aġent marbut:	
Isem/(ismijiet) ta' dawk responsabbli għall-ġestjoni tal-fergħa:	
Stat Membru tad-domiċilju:	
Status tal-Awtorizzazzjoni:	Awtorizzat minn [Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju]
Data tal-Awtorizzazzjoni:	
Referenza jew hyperlink għar-reġistru pubbliku fejn hu rreġistrat l-aġent marbut	

(1) Għall-finijiet ta' notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' aġent marbut, jekk jogħġbok imla biss il-partijiet tal-formoli rilevanti għall-bidliet notifikati. Fejn saru bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment jew l-istrumenti finanzjarji, id-ditta għandha telenka s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment jew l-istrumenti finanzjarji kollha li se jiġu pprovduti mill-aġent marbut.

Parti 2 – Programm ta' operazzjonijiet

Servizzi jew attivitajiet ta' investiment previsti li se jiġu pprovduti mill-aġent marbut (*)**:**

		Is-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment									Servizzi anċillari						
		A1	A2	A3	A4	A5	A6	A7	A8	A9	B1	B2	B3	B4	B5	B6	B7
Strumenti Finanzjarji	C1	☐				☐		☐									
	C2	☐				☐		☐									
	C3	☐				☐		☐									
	C4	☐				☐		☐									
	C5	☐				☐		☐									
	C6	☐				☐		☐									
	C7	☐				☐		☐									
	C8	☐				☐		☐									
	C9	☐				☐		☐									
	C10	☐				☐		☐									
	C11	☐				☐		☐									

(*) Jekk jogħġbok immarka (x) fil-kaxxa/(ex) xierqa.

Pjan ta' Direzzjoni tan-Negozju u organizzazzjoni strutturali tal-aġent marbut

Pjan ta' direzzjoni tan-negozju

1. Spjega kif l-aġent marbut se jikkontribwixxi għall-istrateġija tad-ditta/grupp.
2. Iddeskrivi x'se jkunu l-funzjonijiet ewlenin tal-aġent marbut.
3. Iddeskrivi l-objettivi ewlenin tal-aġent marbut.

Strateġija kummerċjali

1. Iddeskrivi t-tipi ta' klijenti/kontropartijiet li se jindirizza l-aġent marbut.
2. Iddeskrivi kif id-ditta se tikseb u tindirizza dawn il-klijenti.

Struttura organizzazzjonali

1. Iddeskrivi fil-qasir kif l-aġent marbut jiffittja fl-istruttura korporattiva tad-ditta/grupp. (Dan jista' jiġi ffaċilitat billi tinhemeż ċart organizzazzjonali)
2. Indikat l-istruttura organizzazzjonali tal-aġent marbut, li turi kemm il-linji funzjonali kif ukoll dawk ġuridiċi.
3. Identifika min se jkun responsabbli mill-operazzjonijiet tal-aġent marbut fuq bażi ta' kuljum? Ipprovdi dettalji tal-esperjenza professjonali tal-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-aġent marbut (Jekk jogħġbok ehmeż is-CV).
4. Identifika min se jkun responsabbli mill-funzjonijiet ta' kontroll intern tal-aġent marbut.
5. Identifika min se jkun responsabbli biex jindirizza l-ilment fir-rigward tal-aġent marbut.
6. Identifika kif l-aġent marbut se jirrapporta lill-uffiċċju prinċipali.
7. Agħti dettalji tal-arranġamenti kritiċi tal-esternalizzazzjoni.

Sistemi u Kontrolli Ipprovdi sommarju qasir tal-arranġamenti għal: 1. salvagwardjar tal-flus u tal-assi tal-klijent (fejn applikabbli); 2. konformità mal-imġiba tan-negozju u ma' obbligi oħrajn li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju skont l-Artikolu 35(8) u ż-żamma tar-rekords taħt l-Artikolu 16(6); 3. il-kodiċi tal-persunal għall-Imġiba, li tinkludi n-negozjar għan-nom proprju; 4. il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; 5. il-monitoraġġ u l-kontroll tal-arranġamenti kritiċi tal-esternalizzazzjoni (fejn applikabbli); 6. l-isem, l-indirizz u d-dettalji tal-kuntatt tal-iskema tal-kumpens akkreditata li hija membru tagħha d-ditta tal-investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu;
It-tbassir finanzjarju: Ehmeż dikjarazzjoni ta' previżjoni għall-profitt u t-telf u l-fluss tal-flus kontanti, it-tnejn fuq perjodu inizjali ta' sitta u tletin xahar.

ANNESS VIII

Formola għall-komunikazzjoni rigward notifika ta' passaport ta' fergħa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

[L-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 35(3) tad-direttiva 2014/65/UE ([1])

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

L-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, nixtiequ ninfurmawk li **[Isem tad-ditta]**, ditta tal-investiment awtorizzata minn [Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju], biħsiebha tistabbilixxi fergħa li tinsab fi [l-isem tal-Istat Membru ospitanti] biex tipprovdi s-servizzi jew l-attivitajiet ta' investiment kif ukoll servizzi anċillari elenkati fin-notifika ta' passaport mehmuża.

[Isem tad-ditta tal-investiment] hija parteċipant fi [l-isem tal-iskema ta' kumpens akkreditat tal-Istat Membru tad-domiċilju], li tipprovdi kopertura għal investituri eliġibbli kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni ta' [l-isem tal-Istat Membru tad-domiċilju] fir-rigward tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment imwettqa mid-ditta minn stabbiliment fi [l-isem tal-Istat Membru tad-domiċilju] u permezz tal-fergħa tagħha fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

Jekk għandek xi mistoqsijiet, toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

Dejjem tiegħek,

[Firma]

([1]) Jekk jogħġbok emenda kif meħtieġ.

ANNESS IX

Formola għall-komunikazzjoni rigward notifika ta' passaport ta' aġent marbut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

[L-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 35(3) jew l-Artikolu 35(7) tad-Direttiva 2014/65/UE ([1])

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

L-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

F'konformità mal-Artikolu 34(3)/l-Artikolu 35(7) tad-Direttiva 2014/65/UE, nixtiequ ninnotifikaw li [Isem tad-ditta], ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata minn [isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju], biħsiebha tuża aġent marbut li jinsabu fi [isem tal-Istat Membru ospitanti] biex tipprovdi s-servizzi jew l-attivitajiet ta' investiment fin-notifika ta' passaport mehmuża.

[Isem tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu] hija parteċipant fl-[isem tal-iskema ta' kumpens akkreditata tal-Istat Membru tad-domiċilju], li tipprovdi kopertura għal investituri eligibbli kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-[isem tal-Istat Membru tad-domiċilju] fir-rigward tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment imwettqa mid-ditta minn stabbiliment fl-[isem tal-Istat Membru tad-domiċilju] u permezz tal-aġent marbut tagħha fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

Jekk għandek xi mistoqsijiet, toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

Dejjem tiegħek,

[Firma]

([1]) Jekk jogħġbok emenda kif meħtieġ.

ANNESS X

Formola għal notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' aġent marbut rigward it-terminazzjoni tal-operazzjoni ta' fergħa jew it-twaqqif tal-użu ta' aġent marbut stabbilit fi Stat Membru ieħor

[L-Artikoli 17(3) u 18(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data:.....

Notifika f'konformità mal-Artikolu 35(10) tad-Direttiva 2014/65/UE rigward it-terminazzjoni tal-operazzjoni ta' fergħa/it-twaqqif tal-użu ta' aġent marbut stabbilit fi Stat Membru ieħor ([1])

Parti 1 – Informazzjoni ta' kuntatt

Tip ta' notifika:	Terminazzjoni tal-operazzjoni ta' fergħa/l-użu ta' aġent marbut
L-Istat Membru li fih il-fergħa/aġent marbut ikun stabbilit:	
Isem tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu:	
Indirizz tad-ditta ta' investiment/istituzzjoni ta' kreditu:	
Numru tat-telefown tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu:	
Posta elettronika:tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu:	
Isem tal-persuna ta' kuntatt responsabbli mit-terminazzjoni tal-operazzjoni tal-fergħa/aġent marbut:	
L-isem tal-fergħa/aġent marbut fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti:	
Stat Membru tad-domiċilju:	
L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:	
Status tal-Awtorizzazzjoni:	Awtorizzat minn [l-isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju]
Data tal-Awtorizzazzjoni:	
Data minn meta t-terminazzjoni se tkun effettiva:	

([1]) Jekk jogħġbok emenda kif meħtieġ.

Deskrizzjoni tal-iskeda għat-terminazzjoni prevista:

[għandha timtela mid-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu]

Informazzjoni dwar il-proċess ta' stralċ tal-operazzjonijiet kummerċjali, inklużi d-dettalji rigward il-mod li bih l-interessi tal-klijenti se jiġu protetti, l-ilmenti solvuti u kull responsabbiltà pendenti:

[Għandha timtela mid-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu]

ANNESS XI

Formola għall-komunikazzjoni ta' notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' fergħa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

[L-Artikolu 19(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 35(10) tad-Direttiva 2014/65/UE ([1])

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

L-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

F'konformità mal-Artikolu 35(10) tad-Direttiva 2014/65/UE, nixtieq ninfurmawk li [Isem tad-ditta], ditta tal-investiment awtorizzata minn [Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju]:

(a) emendat is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment/servizzi anċillari li qed jiġu pprovduti minn [l-istem tal-fergħa] stabbilita fi [l-isem tal-Istat Membru ospitanti].

(b) biddlet l-isem tal-fergħa tagħha minn [żid l-isem l-antik tal-fergħa] għal [żid l-isem il-ġdid] b'effett [data tal-bidla]

(c) biddlet l-informazzjoni oħra ta' kuntatt tal-fergħa tagħha kif ġej [żid kull bidla fl-informazzjoni ta' kuntatt notifikata taħt il-Parti 1 tal-formola stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382 b'effett minn [id-data tal-bidla]

(d) impenjat aġent marbut addizzjonali li jinsab fi [isem tal-Istat Membru ospitanti] u pprovdiet programm ta' operazzjonijiet aġġornat

(e) Biddlet l-isem/indirizz/dettalji ta' kuntatt tagħha minn [isem/indirizz/dettalji ta' kuntatt qodma tad-ditta tal-investiment] għal [isem ġdid/indirizz/dettalji ta' kuntatt tad-ditta tal-investiment] b'effett minn [data tal-bidla].

Jekk jogħġbok sib mehmuż kopja tal-bidla fin-notifika tad-dettalji tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment bil-bidliet rilevanti.

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

Dejjem tiegħek,

[Firma]

([1]) Jekk jogħġbok emenda kif meħtieġ.

ANNESS XII

Formola għall-komunikazzjoni dwar notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' aġent marbut mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

[L-Artikolu 20(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Komunikazzjoi f'konformità mal-Artikolu 35(10) tad-Direttiva 2014/65/UE ([1])

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

l-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

F'konformità mal-Artikolu 35(10) tad-Direttiva 2014/65/UE, nixtiequ ninformawk li [l-Isem tad-ditta], ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata minn [l-isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju]:

(a) emendat is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment li qed jiġu pprovduti minn [l-isem tal-aġent marbut].

(b) bidlet l-isem tal-aġent marbut tagħha minn [l-isem il-qadim tal-aġent marbut] għal [żid l-isem il-ġdid] b'effett minn [id-data tal-bidla]

(c) bidlet l-informazzjoni l-oħra ta' kuntatt tal-aġent marbut kif ġej [żid kwalunkwe bidla fl-informazzjoni ta' kuntatt notifikata taħt il-Parti 1 tal-formola stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382] b'effett minn [id-data tal-bidla]

(d) biddlet l-isem/l-indirizz/id-dettalji ta' kuntatt tagħha minn [l-isem/indirizz/dettalji ta' kuntatt antiki tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu] għal [l-isem il-ġdid/indirizz/dettalji ta' kuntatt tad-ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu] b'effett minn [id-data tal-bidla].

Jekk jogħġbok sib kopja tal-bidla fin-notifika tad-dettalji tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment bil-bidliet rilevanti.

Jekk għandek xi mistoqsijiet, toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

Dejjem tiegħek,

[Firma]

([1]) Jekk jogħġbok emenda kif meħtieġ.

ANNESS XIII

Formola għall-komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar it-terminazzjoni tal-operazzjoni tal-fergħa jew dwar il-waqfien tal-użu tal-aġent marbut stabbilit fl-Istat Membru barra l-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu

[L-Artikoli 19(2) u (2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 35(10) tad-Direttiva 2014/65/UE rigward it-terminazzjoni tal-operazzjoni tal-fergħa/l-użu ta' aġent marbut stabbilit fi Stat Membru barra l-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu ([1])

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

L-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

F'konformità mal-Artikolu 35(10) tad-Direttiva 2014/65/UE, nixtiequ ninfurmawk li [l-Isem tad-ditta], ditta tal-investiment/istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata minn [l-isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju], innotifikatna dwar l-intenzjoni li ttemm l-operazzjoni tal-fergħa/l-użu tal-aġent marbut stabbilit fit-territorju tiegħek b'effett minn[id-data tat-terminazzjoni].

Jekk jogħġbok sib kopja mehmuża tan-notifika rigward it-terminazzjoni tal-operazzjoni ta' [l-isem tal-fergħa]/it-twaqqif tal-użu ta' [l-isem tal-aġent marbut].

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

Dejjem tiegħek,

[Firma]

([1]) Jekk jogħġbok emenda kif meħtieġ.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2383

tad-19 ta' Diċembru 2017

li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 jipprojbixxi l-użu ta' tagħmir irmunkat sa tliet mili nawtiċi mill-kosta jew sa livell ta' fond ta' 50 metru meta dak il-fond jintlaħaq 'il ġewwa minn dik id-distanza mill-kosta.

(2) Meta xi Stat Membru jitlobha, il-Kummissjoni tista' tippermetti deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, diment li jintlaħqu għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9).

(3) Fit-8 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni waslitilha talba mingħand is-Slovenja għal deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, għall-użu ta' bastimenti tat-tkarkir "volantina" fl-ilmijiet territorjali tas-Slovenja, f'anqas minn 50 metru fond, fiż-żona bejn 1,5 u 3 mili nawtiċi mill-kosta.

(4) Id-deroga mitluba mis-Slovenja kkonformat mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u ngħatat sat-23 ta' Marzu 2017 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 277/2014 ([2]).

(5) Fl-20 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni waslitilha talba mingħand is-Slovenja biex testendi d-deroga għal wara t-23 ta' Marzu 2017. Is-Slovenja pprovdiet informazzjoni aġġornata li tiġġustifika l-estensjoni tad-deroga, fid-dawl tar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006. It-talba tkopri l-bastimenti b'esperjenza fis-sajd ta' aktar minn ħames snin u li joperaw skont pjan ta' ġestjoni adottat mis-Slovenja fit-13 ta' Frar 2014 ([3]) skont l-Artikolu 19(2) tar- Regolament (KE) Nru 1967/2006. Dawk il-bastimenti jinsabu f'lista li ntbagħtet lill-Kummissjoni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(6) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta d-deroga mitluba mis-Slovenja u l-abbozz relatat mal-abbozz tal-pjan ta' ġestjoni fil-52 sessjoni plenarja tiegħu li saret mill-4 sat-8 ta' Lulju 2016.

(7) Fid-dawl ta' evalwazzjoni tal-STECF, is-Slovenja ppreżentat lill-Kummissjoni dejta xjentifika u rapporti addizzjonali fis-7 ta' Settembru 2016 u, fis-27 ta' Diċembru 2016, ippreżentat pjan ta' ġestjoni aġġornat.

(8) L-STECF ivvaluta d-deroga mitluba mis-Slovenja u d-dokumenti addizzjonali matul l-54 sessjoni plenarja tiegħu li saret mis-27 sal-31 ta' Marzu 2017. L-STECF enfasizza l-ħtieġa għal kjarifiki dwar ir-rekord ta' bastimenti awtorizzati, l-irkaptu tas-sajd użat u l-qabdiet inċidentali. Is-Slovenja pprovdiet kjarifiki xierqa lill-Kummissjoni u żgurat l-iżvilupp ta' studju xjentifiku addizzjonali dwar il-qabdiet u l-isforzi biex tiżdied is-selettività tal-irkapti.

(9) Id-deroga mitluba mis-Slovenja tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

([1]) ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 277/2014 tad-19 ta' Marzu 2014 li jidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja (ĠU L 82, 20.3.2014, p. 1)

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 34200-2/2014/4 tat-13.2.2014.

(10) B'mod partikolari, hemm limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi, peress li l-ibħra territorjali tas-Slovenja fl-ebda punt ma jilħqu l-fond ta' 50 metru. Fl-assenza ta' deroga, il-bastimenti tat-tkarkir "volantina" jistgħu għalhekk joperaw biss lil hinn minn 3 mili nawtiċi mill-kosta, fejn iż-żoni tas-sajd huma limitati b'mod sinifikanti minn żona dedikata għal rotot ta' navigazzjoni kummerċjali.

(11) Il-pjan ta' ġestjoni jistabbilixxi d-definizzjonijiet rilevanti kollha dwar is-sajd ikkonċernat u jiggarantixxi li fil-ġejjieni mhux se jiżdied l-isforz tas-sajd, peress li l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd se jinħarġu biss lit-12-il bastiment speċifikati li huma diġà awtorizzati li jistadu mis-Slovenja.

(12) Is-sajd bit-tkarkir "volantina" ma jistax isir b'irkaptu ieħor, m'għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ambjent tal-baħar, inklużi ħabitats protetti, u ma jinterferixxix ma' rkaptu ieħor li mhux tat-tkarkir, mtielaq jew xbieki simili rmunkati.

(13) Id-deroga mitluba mis-Slovenja taffettwa għadd limitat ta' 12 il-bastiment. In-numri ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-bastimenti huma speċifikati fil-pjan ta' ġestjoni.

(14) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 li, permezz ta' deroga, jippermetti s-sajd 'il fuq mill-ħabitati protetti jekk is-sajd isir mingħajr ma jintmess il-qiegħ tal-algi skont ċerti kundizzjonijiet.

(15) Id-deroga mitluba hija konformi mal-Artikolu 8(1)(h) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 peress li tirrigwarda lill-bastimenti tat-tkarkir li joperaw b'malji b'daqs mhux iżgħar minn 40 mm.

(16) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006. Il-bastimenti tat-tkarkir "volantina" ma timmirax iċ-ċefalopodi.

(17) Il-pjan ta' ġestjoni Sloven jinkludi miżuri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, kif stipulat fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1])

(18) Għaldaqstant, id-derogi mitlubin għandhom jingħataw.

(19) Is-Slovenja għandha tirrapporta lill-Kummissjoni fi żmien xieraq u skont il-pjan ta' monitoraġġ stipulat fil-pjan ta' ġestjoni Sloven.

(20) It-tul taż-żmien tad-deroga għandu jibda jiġi limitat biex ikunu jistgħu jittieħdu fil-pront il-miżuri ta' ġestjoni korrettivi jekk ir-rapport lill-Kummissjoni juri qagħda ħażina ta' konservazzjoni tal-istokk sfruttat filwaqt li jkun hemm skop biex titjieb il-bażi xjentifika għal pjan aħjar ta' ġestjoni.

(21) Minħabba li d-deroga mogħtija mir-Regolament (UE) Nru 277/2014 skada fit-23 ta' Marzu 2017, dan ir-Regolament għandu japplika mill-24 ta' Marzu 2017.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deroga

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma għandux japplika fl-ilmijiet territorjali tas-Slovenja, irrispettivament mill-fond, bejn 1,5 u 3 mili nawtiċi mill-kosta, għal bastimenti tat-tkarkir "volantina" li jintużaw minn bastimenti:

(a) li għandhom numru ta' reġistrazzjoni msemmi fil-pjan ta' ġestjoni Sloven adottat mis-Slovenja skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(b) għandhom esperjenza fis-sajd ta' aktar minn ħames snin u fil-ġejjieni mhux se jiżdied l-isforz tas-sajd eżerċitat; kif ukoll

(c) li jkollhom awtorizzazzjoni għas-sajd u li joperaw skont pjan ta' ġestjoni.

Artikolu 2

Il-pjan ta' monitoraġġ u r-rappurtar

Is-Slovenja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni, fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, rapport imfassal skont il-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fil-pjan ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ u l-perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-24 ta' Marzu 2017 sas-27 ta' Marzu 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2384

tad-19 ta' Diċembru 2017

li jispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tal-modulu ad hoc tal-2019 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol fir-rigward tal-istħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-istrateġija Ewropea dwar l-impjiegi, il-linji gwida dwar l-impjiegi ([2]) u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([3]), b'mod partikolari l-prinċipji tagħha dwar l-impjieg sigur u flessibbli, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u l-ambjent tax-xogħol adattat b'mod tajjeb, jesprimu l-ħtieġa ta' adattabilità akbar kemm tal-intrapriżi kif ukoll tal-ħaddiema fl-Ewropa u jenfasizzaw il-ħtieġa li tinġabar dejta ta' stħarriġ Ewropew fuq skala kbira dwar l-applikazzjoni ta' forom diversi ta' prattiki ġodda fl-organizzazzjoni tax-xogħol u ta' arranġamenti tal-ħin tax-xogħol u l-esperjenzi tal-ħaddiema b'dawk il-prattiki u l-arranġamenti.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1851 ([4]) jispeċifika u jiddeskrivi l-oqsma li dwarhom għandha tiġi pprovduta informazzjoni aktar dettaljata, jiġifieri s-submoduli ad hoc, u li jenħtieġ li jiġu inklużi fil-modulu ad hoc tal-2019 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol fir-rigward tal-istħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament (KE) Nru 577/98.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri, il-kodiċijiet u l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-dejta mill-Istati Membri skont il-modulu ad hoc dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-karatteristiċi tekniċi tal-modulu ad hoc tal-2019 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol, il-filtri, il-kodiċijiet u l-iskadenza sa meta l-Istati Membri għandhom jibgħatu r-riżultati lill-Kummissjoni huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1848 tal-5 ta' Ottubru 2015 dwar linji gwida ghal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ghall-2015 (ĠU L 268, 15.10.2015, p. 28).
([3]) https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_mt
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1851 tal-14 ta' Ġunju 2016 li jadotta l-programm ta' moduli ad hoc, li jkopri s-snin 2019, 2020 u 2021, ghall-istħarriġ kampjunarju dwar il-forza tax-xogħol stipulat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 284, 20.10.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Dan l-Anness jistabbilixxi l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw fil-modulu ad hoc dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol skedat li jsir fl-2019. Dan jistabbilixxi wkoll id-dati għas-sottomissjoni tad-dejta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

L-iskadenza għat-trażmissjoni tar-riżultati lill-Kummissjoni: Il-31 ta' Marzu 2020.

Il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw għat-trażmissjoni tad-dejta: kif stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 ([1]).

Il-kolonni riżervati għall-fatturi ta' differenzzazzjoni fakoltattivi, li għandhom jintużaw f'każijiet ta' subkampjunar jew ta' ebda tweġiba: il-kolonni 226-229 li fihom numri sħaħ u l-kolonni 230-231 li fihom pożizzjonijiet deċimali.

(1) **Submodulu "Flessibbiltà tal-ħinijiet tax-xogħol"**

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
VARIWT		**Ħinijiet tax-xogħol varjabbli**	WSTATOR = 1,2
211		*Kif jiġi ddeterminat il-bidu u t-tmiem tal-ħin tax-xogħol fl-impjieg prinċipali*	
	1	Il-ħaddiem jista' jiddeċiedi bis-sħiħ dwar il-ħin tax-xogħol	
	2	Il-ħaddiem jista' jiddeċiedi dwar il-ħin tax-xogħol b'ċerti restrizzjonijiet	
	3	Is-sid jew l-organizzazzjoni prinċipalment jiddeċiedu dwar il-ħin tax-xogħol	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
FREEHOUR		**Faċilità biex wieħed jieħu sigħat liberi**	VARIWT = 2,3,vojt
212		*Il-possibbiltà li fl-impjieg prinċipali, wieħed jieħu siegħa jew saġħtejn liberi għal raġunijiet personali jew tal-familja fi żmien perjodu ta' jum tax-xogħol wieħed*	
	1	Faċli ħafna	
	2	Pjuttost faċli	
	3	Pjuttost diffiċli	
	4	Diffiċli ħafna	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
FREELEAV		**Faċilità biex wieħed jieħu ġranet frank**	WSTATOR = 1,2
213		*Il-possibbiltà li fl-impjieg prinċipali wieħed jieħu ġurnata frank jew tnejn fi żmien perjodu ta' tliet ijiem tax-xogħol*	
	1	Faċli ħafna	
	2	Pjuttost faċli	

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' data mill-2009 'l quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' data dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57).

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
	3	Pjuttost diffiċli	
	4	Diffiċli ħafna	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
FLEXWT		**Flessibbiltà mistennija fil-ħinijiet tax-xogħol**	WSTATOR = 1,2
214		*Il-frekwenza li biha l-ħaddiem irid iħabbat wiċċu ma' talbiet mhux previsti biex jinbidel il-ħin tax-xogħol fl-impjieg prinċipali*	
	1	Mill-anqas darba fil-ġimgħa	
	2	Inqas minn kull ġimgħa iżda mill-inqas kull xahar	
	3	Inqas minn darba f'xahar jew qatt	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
AVAIFREE		**Disponibbiltà għax-xogħol f'ħin liberu**	WSTATOR = 1,2
215		*Il-ħaddiem ġie kkuntattjat waqt il-ħin liberu f'dawn l-aħħar xahrejn biex jieħu azzjoni għall-impjieg prinċipali qabel l-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss*	
	1	Ma ġiex ikkuntattjat f'dawn l-aħħar xahrejn (2)	
	2	Xi drabi ġie kkuntattjat	
	3	Ġie kkuntattjat diversi drabi u kien mistenni jaġixxi qabel il-jum tax-xogħol li jmiss	
	4	Ġie kkuntattjat diversi drabi u ma kienx mistenni jaġixxi qabel il-jum tax-xogħol li jmiss	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

(2) **Submodulu "Metodi waqt ix-xogħol"**

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
RECHOURS		**Reġistrazzjoni ta' preżenza jew tas-sigħat tax-xogħol**	STAPRO = 3
216-217		*Il-metodu tar-reġistrazzjoni tal-preżenza jew tas-sigħat tax-xogħol fl-impjieg prinċipali*	
	01	Il-preżenza u s-sigħat ma jiġux irreġistrati	
	02	Il-preżenza tiġi rreġistrata manwalment mill-ħaddiem innifsu	
	03	Il-preżenza tiġi rreġistrata manwalment minn superviżur/kollega	
	04	Il-preżenza tiġi rreġistrata awtomatikament (is-sistema tal-arloġġ mal-log-in)	

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
	05	Il-preżenza tiġi rreġistrata b'metodu ieħor	
	06	Is-sigħat jiġu rreġistrati manwalment mill-ħaddiem innifsu	
	07	Is-sigħat jiġu rreġistrati manwalment minn supervisżur/kollega	
	08	Is-sigħat jiġu rreġistrati awtomatikament (is-sistema tal-arloġġ, mal-log-in)	
	09	Is-sigħat jiġu rreġistrati b'metodu ieħor	
	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
PRESSURE		**Xogħol taħt pressjoni ta' ħin**	WSTATOR = 1,2
218		*Il-frekwenza li biha l-persuna taħdem taħt pressjoni ta' ħin fl-impjieg prinċipali*	
	1	Dejjem	
	2	Ta' spiss	
	3	Xi kultant	
	4	Qatt	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
JOBAUTON		**Awtonomija tal-impjieg**	WSTATOR = 1,2
219-220		*Il-possibbiltà li l-kontenut u l-ordni tal-kompiti jiġu influwenzati fl-impjieg prinċipali*	
	11	Influwenza kbira fuq il-kontenut u l-ordni	
	12	Influwenza kbira fuq l-ordni u xi influwenza fuq il-kontenut	
	13	Influwenza kbira fuq l-ordni u ftit jew xejn fuq il-kontenut	
	21	Xi influwenza fuq l-ordni u influwenza kbira fuq il-kontenut	
	22	Xi influwenza fuq l-ordni u l-kontenut	
	23	Xi influwenza fuq l-ordni u ftit jew xejn fuq il-kontenut	
	31	Influwenza kbira fuq il-kontenut u ftit jew xejn fuq l-ordni	
	32	Xi influwenza fuq il-kontenut u ftit jew xejn fuq l-ordni	
	33	Ftit jew l-ebda influwenza fuq l-ordni u fuq il-kontenut	
	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

(3) **Submodulu "Post tax-xogħol"**

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
PLACEWK		**Post tax-xogħol prinċipali**	WSTATOR = 1,2
221		*Il-post fejn primarjament jitwettqu l-attivitajiet tal-impjieg prinċipali*	
	1	Il-bini tas-sidien jew tal-ħaddiem stess	
	2	Id-dar	
	3	Il-post tal-klijenti	
	4	Post mhux fiss (vettura, servizz ta' konsenja, eċċ.)	
	5	Oħrajn	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
COMMUTM		**Ħin ta' vvjaġġar bejn id-dar u x-xogħol u lura**	PLACEWK ≠ 2
222-224		*Ħin meħud biex wieħed jasal mid-dar għax-xogħol għall-impjieg prinċipali (f'direzzjoni waħda)*	
	000-240	Minuti	
	999	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
OTHERLOC		**Xogħol f'postijiet oħra**	PLACEWK = 1-5
225		*Il-persuna taħdem f'iktar minn post wieħed għall-impjieg prinċipali*	
	1	Kuljum	
	2	Mhux kuljum, iżda tal-inqas kull ġimgħa	
	3	Inqas minn kull ġimgħa iżda mill-inqas kull xahar	
	4	Inqas minn darba f'xahar jew qatt	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2385

tad-19 ta' Diċembru 2017

li jiffissa l-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 u li jistipula l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 533/2007 fis-settur tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli għal ċerti kwoti. Għaldaqstant, jixraq li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi ffissat il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitlub, ikkalkolat skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]).

(3) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli għal ċerti kwoti. Għaldaqstant, jixraq li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(4) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin skont ir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 għandhom jinħarġu skont il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 533/2007, li għandhom jiżdiedu mas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNESS

Numru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni — applikazzjonijiet imressqin għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 (f'%)	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 (f'kg)
09.4067	1,404135	—
09.4068	0,138103	—
09.4069	0,118836	—
09.4070	—	1 335 750

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2386

tad-19 ta' Diċembru 2017

li jiffissal-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 u li jistabbilixxi l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 fis-settur tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli għal ċerti kwoti. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi stabbilit sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkulat skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]).

(3) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli għal ċerti kwoti. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(4) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin skont ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 għandhom jinħarġu skont il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007, li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018, huma mogħtija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNESS

Numru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni — applikazzjonijiet imressqin għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 (f'%)	Il-kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 (f'kg)
09.4410	0,121815	—
09.4411	0,124054	—
09.4412	0,124223	—
09.4420	4,646057	—
09.4421	—	175 000
09.4422	0,803288	—

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2387

tad-19 ta' Diċembru 2017

li jiffissa l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 fil-qafas tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 536/2007 għal-laħam tat-tjur li ġej mill-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 ([2]) fetaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li ġejjin mill-Istati Uniti tal-Amerka.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 536/2007, li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018, huma mogħtija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwota tariffarja għal-laħam tat-tjur allokata għall-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 6).

ANNESS

Numru tal-ordni	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 (f'kg)
09.4169	15 643 542

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2388

tad-19 ta' Diċembru 2017

li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Iżrael

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 ([2]) fetaħ il-kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2017 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, biex dawn jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1384/2007, li għandhom jiżdiedu għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 tas- 26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 rigward il-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti li jirrigwardaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40).

ANNESS

Numru tal-ordni	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2018 (f'kg)
09.4091	140 000
09.4092	1 000 000

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2389

tal-5 ta' Diċembru 2017

li tistabbilixxi li ma ttieħdet l-ebda azzjoni effikaċi mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-16 ta' Ġunju 2017

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill iddeċieda skont l-Artikolu 121(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") li fir-Rumanija kienet teżisti devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju.

(2) Fid-dawl tad-devjazzjoni sinifikanti stabbilita, il-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2017 ħareġ rakkomandazzjoni biex ir-Rumanija tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li fl-2017 ir-rata ta' tkabbir nominali ta' nfiq pubbliku primarju nett ([2]) ma taqbiżx it-3,3 %, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG. Huwa rrakkomanda li r-Rumanija tuża kull qligħ mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit, filwaqt li jenħtieġ li l-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja jiżguraw titjib dejjiemi fil-bilanċ strutturali tal-amministrazzjoni pubblika b'mod li jiffavorixxi t-tkabbir. Il-Kunsill stabbilixxa skadenza tal-15 ta' Ottubru 2017 sa meta r-Rumanija għandha tirrapporta dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni.

(3) Fis-26 u s-27 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni wettqet missjoni ta' sorveljanza msaħħa fir-Rumanija għall-fini ta' monitoraġġ fuq il-post skont l-Artikolu -11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. Wara li bagħtet il-konklużjonijiet provviżorji tagħha lill-awtoritajiet Rumeni għall-kummenti, il-Kummissjoni rrapportat il-konlużjonijiet tagħha lill-Kunsill fl-24 ta' Ottubru 2017. Dawn il-konklużjonijiet ġew sussegwentement ippubblikati. Ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonstata li l-awtoritajiet Rumeni mhumiex beħsiebhom jaġixxu skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017. L-awtoritajiet iddikjaraw li l-mira tagħhom għall-2017 tibqa' defiċit nominali ta' 3 % tal-PDG. Fid-dawl tal-marġni pożittiv u dejjem jiżdied tal-potenzjal tal-produzzjoni, dan jammonta għal deterjorament tad-defiċit strutturali fl-2017, kuntrarjament għal dak indikat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Dan jirrifletti politika fiskali kjarament espansjonarja.

(4) Fit-13 ta' Ottubru 2017, l-awtoritajiet Rumeni ppreżentaw rapport dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017. Fir-rapport, l-awtoritajiet tennew li l-mira tagħhom għall-2017 jibqa' defiċit nominali ta' 3 % tal-PDG. L-unika miżura mniżżla fir-rapport b'impatt sinifikanti fuq il-baġit fl-2017 hija żieda fid-dazji tas-sisa għall-prodotti tal-enerġija lura għal-livell tal-2016 (jiġifieri, treġġigħ lura tat-tnaqqis fid-dazji tas-sisa adottat preċedentement li daħal fis-seħħ f'Jannar 2017). Għalhekk, l-impatt fiskali tal-miżuri rrappurtati huma 'l isfel b'mod sinifikanti mir-rekwiżit indikat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(5) Abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2017, il-bilanċ strutturali huwa mistenni jiddeterjora b'1,1 % tal-PDG, u jilħaq defiċit ta' 3,3 % fl-2017. Dan hu l-oppost tat-titjib strutturali rakkomandat ta' 0,5 % tal-PDG meta mqabbel mal-2016. It-tkabbir korrispondenti tal-infiq pubbliku primarju nett jammonta għal 4,9 %, 'il fuq sew mill-parametru referenzjarju għall-infiq ta' 3,3 %. Dan id-deterjorament meta mqabbel mal-2016 kien xprunat

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) L-infiq nett tal-gvern huwa magħmul mill-infiq totali tal-gvern bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imgħax, infiq fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezjonarju fl-infiq fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Miżuri ta' dħul diskrezjonarji jew żidiet fid-dħul mitluba mil-liġi huma inklużi. Miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma kumpensati bejn xulxin.

minn tnaqqis fit-taxxi indiretti, b'mod partikolari l-VAT u d-dazji tas-sisa, li daħal fis-seħħ fil-bidu tas-sena u minn żidiet fil-pagi pubbliċi u fil-benefiċċji soċjali introdotti tul is-sena. Wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017, iż-żieda tad-dazji tas-sisa għall-prodotti tal-enerġija lura għal-livell tal-2016, kif ukoll tnaqqis fl-investiment pubbliku fir-rettifika baġitarja ta' Settembru 2017, kellhom impatt pożittiv fuq id-defiċit pubbliku, għalkemm l-effett tagħhom kien fil-biċċa l-kbira mxejjen minn żidiet fil-pagi pubbliċi wkoll inklużi fir-rettifika tal-baġit.

(6) Dan iwassal għall-konklużjoni li r-reazzjoni tar-Rumanija għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017 ma kinitx suffiċjenti. L-isforz fiskali ma jilħaqx l-aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG għall-2017, li jikkorrispondi għal rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma jaqbiżx it-3,3 % fl-2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Rumanija ma ħaditx azzjoni effikaċi b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2390

tal-15 ta' Diċembru 2017

dwar in-nuqqas ta' konformità tar-rati unitarji fiż-żona tal-imposti tal-Iżvizzera għall-2017 skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013

(notifikata bid-dokument C(2017) 8498)

(It-testi bil-Ġermaniz, bil-Franċiż u bit-Taljan biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru ([1]) (il-Ftehim),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu (17)(1)(e) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru. L-iskema komuni ta' imposti hija element integrali għall-ksib tal-għanijiet tal-iskema ta' prestazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 ([5]).

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/132/UE ([6]) tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha, fosthom il-mira tal-kosteffikaċja tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*, espressa f'kosti unitarji determinati għall-forniment ta' dawn is-servizzi, għat-tieni perjodu ta' referenza li jkopri u jinkludi s-snin mill-2015 sal-2019.

(3) Skont l-Artikolu 17(1)(b) u (c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013, il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rati unitarji tal-2017 għaż-żoni tal-imposti ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ġunju 2016 bi qbil mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9(1) u 9(2) ta' dak ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni tikkonċerna l-konformità ta' dawn ir-rati unitarji mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013.

(4) Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni tagħha tar-rati unitarji bl-appoġġ tal-Unità tar-Reviżjoni tal-Prestazzjoni tal-Eurocontrol, permezz tad-dejta u tal-informazzjoni addizzjonali mogħtija mill-Istati Membri sal-1 ta' Novembru 2016. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni qieset ukoll l-ispjegazzjonijiet mogħtija u l-korrezzjonijiet li saru qabel il-laqgħa konsultattiva dwar ir-rati unitarji għall-2017 għas-servizzi *en route*, li saret fit-23 ta' Novembru 2016 b'applikazzjoni tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013, kif ukoll il-korrezzjonijiet tar-rati unitarji li għamlu l-Istati Membri wara li saru komunikazzjonijiet sussegwenti mal-Kummissjoni.

(5) Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni sabet, bi qbil mal-Artikolu 17(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013, li r-rati għal kull unità għaż-żoni tal-imposti *en route* għall-2017 ippreżentati mill-Iżvizzera huma konformi mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013.

(6) Is-sejba u l-avviż li r-rati unitarji għaż-żoni tal-imposti jikkonformaw mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 huma mingħajr ħsara għall-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

(7) Skont l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 17(1), ir-rati għal kull unità għandhom jiġu stabbiliti fil-munita nazzjonali. Ir-rati unitarji li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma ppreżentati fil-Frank Żvizzeru.

([1]) ĠU L 114, 30.4.2002, p.73.
([2]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10.
([3]) ĠU L 128, 9.5.2013, p.31.
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk (GU L 128, 9.5.2013, p. 1).
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/132/UE tal-11 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-livelli limiti ta' twissija għat-tieni perjodu ta' referenza mill-2015 sal-2019 (ĠU L 71, 12.3.2014, p. 20).

(8) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-Iżvizzera dwar din id-Deċiżjoni, skont l-Artikolu 19(2) tal-Ftehim.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rata għal kull unità għall-2017 ta' 113,86 fiż-żona tal-imposti *en route* tal-Iżvizzera hija konformi mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Konfederazzjoni Żvizzera.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Violeta BULC

Membru tal-Kummissjoni

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT